MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 424/2005

Kawza fil-lista: 45

**A B**
**vs**
**C D B nee' E**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Premess illi l-attur huwa cittadin Malti, mwieled Malta fil-Furjana, u li ghandu n-numru tal-karta ta' l-identita' : 0560862 (M).

2. Premess illi l-konvenuta twieldet l-Olanda, u ghandha n-numru tal-karta ta' l-identita' lokali: MID: 12083(A).

3. Premes illi l-kontendenti partijiet kienu allegatament inghaqdu fiz-zwieg fil-Kappella tal-Kapuccini tal-Madonna ta' Lourdes, gewwa l-Furjana nhar is-6 ta' Ottubru, 1989, jigifieri iktar minn sittax-il sena ilu, skond id-Dokument hawn anness fl-Elenku tad-Dokumenti Dokument MB1, li huwa ic-Certifikat taz-Zwieg, awtentikat mir-Registru Pubbliku ta' Malta, u li jgib in-numru ta' l-Iskrizzjoni 1874/09.OCT.1989.

4. Premess illi l-attur jsostni li dan iz-zwieg huwa null, invalidu u mhux enforzabbli skond l-Att dwar iz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta, Atiklu 19, sub-Artiklu 1, subincizi (a), (b), (c), (d), (f), u (g), kif jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.

5. Premess illi l-verita' tal-fatti, u hawn jsir referenza ghad-Dikjarazzjoni Guramentata tal-attur mehmuza mal-korp ta' din ic-Citazzjoni odjerna, tindikalna kemm hija vero simili ghall-fatti dina d-Dikjarazzjoni Guramentata tal-attur, premess illi in effetto l-kontendenti kienu infirdu legalment nhar it-30 ta' Ottubru, tas-sena 2001 (30.10.01), permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni bonarja in atti Nutar Pubbliku Malti Dottor B, kopja ta' liema kuntratt ta' separazzjoni konsenswali qed tigi mehmuza mal-elenku ta' dokumenti u ndikata bhala Dokument MB2.

6. Premess illi ghal kull buon fini, anki jekk mhux stricto senso relevanti, il-kontendenti mir-relazzjoni intima ta' bejniethom ghandhom zewgt itfal, u cioe' Daniel li llum ghandu hmistax-il sena u Damian li llum ghandu tmien snin.

7. Premess illi kif jirrizulta, mid-dokument odjern (partikularment id-Dikjarazzjoni Guramentata) hemm bazi legali, u naturalment fattwali, li dana z-zwieg jigi dikjarat null, invalidu a bazi ta' Artiklu 19, subinciz wiehed, tal-Kapitlu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Premess illi l-konvenuta la tifhem bil-Malti, lanqas taqra u lanqas tikteb bil-Malti, u ghalhekk skond il-

procedura, lill-konvenuta qed jigi versat traduzzjoni bl-Ingliz ta' dan id-Dokument fl-intir tieghu.

9. Premess dan kollu tghid il-konvenut ghala din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex tiddeciedi, taqta' u tordna illi:

i. L-allegat zwieg li sehh bejn il-kontendenti allegati konjugi B (li jgib in-numru ta' l-Iskrizzjoni fir-Registru Pubbliku tal-Belt Valletta gewwa Malta 1874/09 ta' Ottubru 1989) huwa null, invalidu u mhux enforzabbli skond il-Ligijiet ta' Malta, partikolarment Kapitolu 255, (Att dwar iz-Zwieg), Artiklu 19, sub-artiklu (1): ara l-anness dokument fl-elenku tad-dokumenti MB1.

ii. Dana l-allegat zwieg li sehh nhar is-6 ta' Ottubru, 1989, fil-Kappella tal-Kapuccini tal-Madonna ta' Lourdes, gewwa l-Furjana huwa null, invalidu u mhux enforzabbli a bazi ta' Artiklu 19, sub-artiklu (1), subincizi (a), (b), (c), (d), (f), (g), jew xi whud minn dawn is-subincizi, tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta: Att dwar iz-Zwieg.

iii. Ghandhom jinghataw dawk il-provvedimenti kollha opportuni li dina l-Onorabbli Qorti jidhirla xieraq u gust, li taghti u tordna, a bazi tat-talbiet attrici kif hawn fuq suesposti.

10. Bl-ispejjez kollha, gudizzjarji u extra-gudizzjarji, kontra l-konvenut li minn issa qeghda tigi ngunta in subizzjoni.

11. B' riserva ghal kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lill-attur ghad-danni kollha ga sofferti, li qieghed jsofri u/jew ghad jista' jsofri kagun ta' wahda mit-talbiet attrici f' din ic-citazzjoni odjerna.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur, il-lista tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat li l-konvenuta debitament ingunta baqghet kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fis-6 ta' Ottubru 1989 huwa null fil-ligi skond l-artikolu 19[1] paragrafi [a][b][c][d][f] u [g], tal-Ap.255. Minn naha taghha, il-konvenuta kontumaci fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghha qed topponi ghat-talba attrici.

**Kwadru tal-fatti**
Illi l-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-6 ta' Ottubru 1989 meta allura l-attur, cittadin Malti u Accountant bi professjoni, kellu 27 sena, u l-konvenuta, cittadina Olandiza, kellha 28 sena; u wara kienu ilhom jikkonvivu flimkien sena u nofs.

Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt-it tfal: wiehed fis-sena 1990; u l-iehor fis-sena 1997 wara li l-konvenuta kellha zewg korrimenti.

Fl-istess sena li fiha twieled it-tieni wild tieghu, l-attur qabad relazzjoni ma' mara ohra, cittadina Bosnijaka, li ghadu jghix maghha sallum u li minnha kellu tifel fis-sena 1999.

Fit-30 ta' Ottubru 2001 il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali.

*Versjoni ta' l-attur*
Illi l-attur jattribwixxi t-tkissir tar-relazzjoni tieghu mal-konvenut ghall-inkompatibilita' ta' karattru. Huwa jghid li kien izzewweg lill-konvenut mhux ghax verament kien ihobbha izda ghax kienet mara sabiha u kellu attrazzjoni fisika lejha. Fi kliemu "Kien kollu attrazzjoni fizika" u jghid

ukoll "only sex hux".[1] Huwa jghid li huma kienu jahsbu li kienu jhobbu lil xulxin u ghalhekk, wara sena u nofs ta' konvivenza, iddecidew li jizzewwgu. Fl-affidavit[2] tieghu jghid li "hassejt il-bzonn li nissetilja".

L-attur jilmenta li malli twieled l-ewwel wild, sena wara z-zwieg, il-konvenuta warrbitu u kienet taghti l-attenzjoni kollha taghha lit-tifel. Ghalkemm hu kien jghamel kollux hafna affarijiet fid-dar hu, il-konvenuta qatt ma kienet turih l-apprezzament taghha. Fi kliemu: " . . ma' Thea kont naghmel kollox jien; anzi kollox jien, and no appreciation." Barra minnhekk fl-affidavit tieghu jghid li l-konvenuta kienet ghazziena u traskurata u "jiddispjacini nghid li kienet daqsxejn irrisponsabbli."

Rigward l-import tal-hajja matrimonjali, l-attur jghid li ghalkemm huwa Accountant, u allura dotat b' certu grad ta' intelligenza, "pero' mhux ta' certu maturita'" Jkompli jishaq fid-deposizjoni tieghu li, ghalkemm dak iz-zmien kellu 26 sena, "hajti kollha nigri man-nisa minghajr l-ebda commitment, jigifieri rabta. Jigifieri jiena lanqas biss kont naf x' inhuma r-responsabbilitajiet taz-zwieg."[3] Fl-affidavit tieghu jghid: "Jien nahseb li l-ebda wiehed minna ma kien ippreparat ghaz-zwieg, [u] li ma kienx jaf sewwa x' inhuma l-obbligi konnessi maz-zwieg."

*Versjoni konvenuta*

Illi l-konvenuta taghti versjoni differenti f' certu aspetti minn dik ta' l-attur. Hija tghid li kienet izzewweg lill-attur ghax kienet thobbu, "yes I loved him dearly, yes I did"[4]; izda tilmenta li wara z-zwieg skopriet li kien "loner" u li kien ifarfar ir-responsabbilatjiet matrimonjali partikolari meta twieled l-ewwel wild taghhom. Hija tghid li ma kellha ebda appogg mill-attur u kien rabbiet it-tifel waheda; ma kellhiex ghajnuna minnu izda minn missier l-attur li kien jghati hafna support lilha u jghinha fejn ghandha bzonn. Rigward id-dizgwid matrimonjali l-konvenuta tghid: "That's

---

[1] Dep. fol.89 *et seq.*
[2] Fol.44 et seq.
[3] [Ibid] – fol.99 sottolinear tal-Qorti
[4] Dep.fol.124 *et seq.*

what it mostly was about, because he wasn't there for us. He was like doing his own things."

Il-konvenuta tispjega li "I always tried to do my best to get the marriage working cause I didn't give up"; u fuq mistoqsija tal-Qorti, hija tghid li nonostante li kienu zmienijiet difficli ghaliha, huma xorta kellur relazzjonijiet intimi bejniethom; "I was trying, we were trying to keep the marriage going one way or another for the sake of the children". Dan jispjega l-ghaliex la hi u lanqas l-attur ma kienu jiehdu il-prekawzzjonijiet sabiex ma jkollhomx aktar tfal wara t-twelid ta' l-ewwel wild. Di fatti qabel ma twieled it-tieni wild, il-konvenuta sofriet zewg korrimenti. Anke l-attur jikkonferma li huwa ma kienx jiehu prekawzzjonijiet f' dan ir-rigward, u mistoqsi jispejga x' kienet ir-raguni gjaladarba fi kliem "in 1997 konna diga' finished fis-sens li z-zwieg kien spicca" huwa rrisponda "ma nafx".

Il-konvenuta tghid li matul il-konvivenza pre nuzzjali ma kienx jidher li hemm xi problemi u relazzjoni taghhom kienet tajba. Di fatti kienu ddecidew li jizzewwgu, u tikkonferma li ma kien hemm ebda pressjoni zejda minn naha tal-genituri ta' l-attur.

Hi tispjega pero' li l-problemi li kienet irriskontrat fiz-zwieg taghha kienu normali li jinqalghu f' konvivenza matrimonjali, u ma kienx hemm glied. Il-vera kawza tar-rottura taz-zwieg taghhom sehhet wara konvivenza matrimonjali ta' circa tmien [8] snin meta l-attur beda jiffrekwenta mara ohra.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-attur qed jibbaza t-talba tieghu fuq sitt capita nullitatis kontemplati fl-arikolu precitat fil-paragrafi [a][b][c][d][f] u [g], u l-Qorti wara ezami tal-provi migbura hija korretta fl-impressjoni li hadet inizjalment li l-attur fetah il-kanuni kollha b' tentattiv li jipprova jolqot xi wahda minnhom. Dan jirrizulta aktar manifest meta jigi kkunsidrat il-fatt li uhud minn dawn il-*capita nullitatis* ma jirrizultawx b' mod l-aktar lampanti, u huma kif jghidu l-Inglizi "non starters."

Mandankollu din il-Qorti, kif inhu d-dover taghha, ser titratta dawn il-capita nullitatis wiehed wiehed u tikkunsidrahom fid-dawl tal-provi migjuba.

[a] *Vis et metus* - Illi t-tesi ta' l-attur f' dan ir-rigward hija li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet jinsab vizzjat peress li kien inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza. Jidher li l-attur qed isostni li huwa zzewweg mhux ghax riedu huma, imma minhabba pressjoni da parti tal-genituri tieghu li ma kienux japprovaw il-koabitazzjoni tieghu mal-konvenuta qabel iz-zwieg.

Il-Qorti tosserva li mill-provi dan il-caput nullitatis ma jirrizultax; anzi jirrizulta proprju l-kuntrarju. Huwa minnu li l-genituri tieghu ma kienux approvaw l-istat ta' konkuninagg li l-partijiet kienu qed jghixu fih qabel iz-zwieg u li wkoll kienu taw parir u wrew ix-xewqa taghhom li l-partijiet jirregolarizzaw il-posizzjoni taghhom f' ghajnejn ir-religjon nisranija u f' ghajnejn il-ligi; izda dan mhuwiex bizzejjed sabiex jintegra dan il-caput nullitatis kif johrog car mid-dicitura tal-ligi u kif interpretat mill-gurisprudenza nostrana. Il-Qorti tosserva li l-pariri tal-genituri anke jekk b' certu insistenza, u x-xewqat taghhom anke jekk qawwija, ut sic, ma jissosdifawx dan l-estremi tal-ligi.

F' dan il-kaz ma kien hemm ebda vjolenza ezercitata fuq il-partijiet, lanqas morali, u certament ma kienx hemm biza. Dan johrog car mix-xhieda tal-partijiet; kif ukoll minn dik ta' omm l-attur li fid-deposizzjoni[5] taghha tghid: "Pressure fuqu ahna ma' ghamilniex, kollox ghamel wahdu <u>ghax huwa bniedem indipendenti, ma tistax tindahallu</u>[6] u minn ckunitu kien hekk." Hi tghid ukoll, "Ahna qatt ma ndahalnilu, pero' dejjem xtaqna li jizzewweg wahda minn pajjizu. ." Minn dan jirrizulta, li l-attur mhux talli ma kienx qed jagixxi taht vis et metus fl-ghoti tal-kunsens matrimonjali, izda li huwa bhala "bniedem indipendenti u ma tistax tindahallu" ghamel ta' rasu rrispettivament mill-pariri tal-genituri tieghu u x-xewqat taghhom. Inoltre, meta deherlu li kellu jaqbad

[5] Fol.108 *et seq.*
[6] Sottolinear tal-Qorti

relazzjoni adultera ta' mara ohra, meta martu kienet bit-tqala, ma tantx jidher li ta' kaz ghax-xewqat tal-genituri tieghu jew ghad-dettami tas-socjeta' li qed jghix fiha, kif lanqas deher li kien ta daqsehekk kaz meta ghal sena shiha kkoabita mal-istess konvenuta. Minn naha taghha l-konvenuta tghid li hi kienet izzewwget lill-attur ghax kienet thobbu.

Il-verita' kif tirrizulta mill-provi migjuba hi li, wara li l-partijiet kienu ilhom jghixu flimkien sena, huma kienu ddecidew li jizzewwgu; wara kollox, kif jghid l-istess attur fl-affidavit tieghu, wara li, skond hu kien ilu jigri mhux hazin, kien hass il-bzonn li 'nissetilja' - sinjal car ta' certu grad ta' matruita' u cirkostanza li timmilita kontra t-tezi tal-koerzjoni.

[b] Zball ta' identita - Din hija addirittura 'non starter' ghax minn imkien ma jirrizulta li kien hemm xi zball ta' identita' la minn naha u lanqas minn ohra. Il-partijiet kienu jafu li qed jizzewwgu lil xulxin; multo magis f' dan il-kaz meta kienu ilhom jghixu flimkien sena !

[c] Qerq – Illi l-attur isostni li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet huwa vizzjat minhabba li kien miksub b' qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewwga, fit-termini tal-paragrafu [c]. Il-Qorti tosserva li mill-provi ma jirrizultax li xi wiehed mill-partijiet kellu tali kwalita' li fixklet serjament il-hajja matrimonjali, u wkoll li kien gie prattikat qerq minn konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor biex izomm mistura din il-kwalita.

Jirrizulta biss li l-attur jilmenta li l-konvenuta kienet traskurata, ghazziena u rresponsabbli, liema fatturi ma jirrizultawx sostnuti mill-provi; filwaqt li l-konvenuta tilmenta li l-attur huwa loner, u li kienet tkun dejjem waheda u ma kellhiex support minnu. Il-Qorti tosserva li, anke jekk dato non concesso dan kien minnu, xorta wahda dawn l-elementi ta' prova ma jintegrawx il-caput nullitatis in disamina; ghax tali fatturi jistghu, fic-cirkustanzi opportuni, jikkwalifikaw bhala inkompatibilita' ta' karattu li jghati lok ghal separazzjoni personali, imma

mhux ghall-annullament taz-zwieg li huwa bazat fuq estremi differenti.

Inoltre huma relevanti s-segwenti osservazzjonijiet. Illi l-provi jdghajjfu l-allegazzjoni attrici li l-konvenuta hija ghazziena u rresponsabbli; anzi l-provi juru, li dina kienet u ghadha trabbi u tiehu hsieb it-tfal tal-kontendenti, u hadmet biex tipprova issalva z-zwieg taghha. Minn naha tieghu, il-karatteristika ta' loner attribwita lill-attur, tiddghajjef serjament quddiem il-fatt li dana dahal f' relazzjoni extra matrimonjali stabbli meta kien ghadu mizzewweg mal-konvenuta u ghandu tarbija rizultat ta' din ir-relazzjoni adultera tieghu.

[d] *Discretio judicii* – Illi l-attur isostni li z-zwieg tieghu huwa null peress li l-kunsens taghhom huwa vizzjat f' difett serju ta diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew minhabba anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali ta-zwieg.

Illi l-attur jirid jipprova jikkonvinci lil din il-Qorti li huwa, Accountant bi professjoni, li kellu esperjenza tal-hajja li jkollu guvni ta' 26 sena li skond hu kien jigri l'hemm u l'hawn, u li kien ikkoabita mal-konvenuta ghal sena shiha, wara li kien iddecida li 'nissetilja', ma kienx jaf x' inhuma r-responsabbilitajiet taz-zwieg ! Il-Qorti tirreagixxi ghal dan, anke wara li semghet lill-attur jixhed, billi tosserva li l-attur falla bil-kbir f' dan it-tentattiv tieghu. Il-Qorti hija konvinta proprju l-kuntrarju, u cioe' li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali huwa kien kapaci jgharaf l-obbligi u d-rittijiet tal-hajja mizzewwga u kellu dixxerniment adegwat tar-responsabbilitajiet tieghu. Il-Qorti temmen li l-attur kien konxju tal-fatt li z-zwieg huwa bazat fuq unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli, bl-iskop tal-konvivenza diretta lejn il-ben essere reciproku, prokreazzjoni u trobbija tat-tfal. Di fatti huwa dam jikkonvivi mal-konvenuta ghal certu numru ta' snin, li matulhom kellhom relazzjonijiet intimi miftuha ghat-tfal, u kellhom zewgt-it tfal, qabel ma ddecieda li jidhol f' relazzjoni extra matrimonjali u jissepara minn ma' martu.

Dawn il-fatti jdghajjfu wkoll it-tesi attrici li lanqas il-konvenuta ma kienet taf sewwa x'inhuma l-obbligi konnessi maz-zwieg.  Il-provi juru proprju l-kuntrarju; u kienet il-konvenuta li kienet principalment tiehu hsieb u trabbi t-tfal, u li pprovat issalva z-zwieg taghhom nonostante l-inkompatibilita tal-karattru taz-zewg partijiet, liema tentattivi krollaw quddiem u kawza tar-relazzjoni adultera li dahal fiha l-attur.

In tema legali jigi osservat in propositu li kif assodat fil-gurisprudenza nostrali, la zball jew decizjoni hazina u lanqas <u>kull stat</u> ta' immaturita' ma huma sufficjenti sabiex jintegraw il-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu precitat.  F' dan il-kaz, l-attur wara li kien ikkoabita mal-konvenuta sena, u wara seba snin taz-zwieg, jghid fid-deposizzjoni tieghu, li fil-mara li qed jghix maghha llum "nghid issa li I found the quality I wanted in a woman …";  anke jekk dan huwa minnu, fis-sens li l-attur issa sab mara li jhossu aktar kuntent maghha, dan zgur ma jfissirx li fil-mument li zzewweg lill-konvenuta huwa kien affetta minn inkapacita' psikika li ma sethgax jgharaf u jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.  Dak iz-zmien ghamel decizjoni, u l-fatt li llum huwa jhoss li ma kienitx ghazla tajba, dan ma jintegrax l-estrem legali in disamina.

Illi rigward it-tieni parti tal-paragrafu [d] li jikkontempla l-kaz ta' anomalija psikologika serja, il-Qorti tosserva li din ukoll hija 'non starter' stante li minn imkien mill-provi ma rrizulta dan il-fattur.

[e] Simulazzjoni – Illi l-istess jista' jinghad ghal din il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat li jikkontempla l-kaz fejn fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, il-partijiet jew wiehed minnhom, jeskludi internament u b' mod posittiv tal-volonta' tieghu z-zwieg fih innifsu, jew xi obbligazzjoni matrimonjali essenzjali.

Fil-kaz in disamina, dan ma jirriuzltax, u b' mod lampanti. Il-provi juru li meta l-partijiet iddecidew li jizzewwgu, wara konvivenza ta' sena, huma riedu jizzewwgu u ma eskludewx xi obbligazzjoni essenzjali fil-hajja matrimonjali.

Huma komplew jikkonvivu flimkien, bhala mara u ragel, issa mizzewwgin, bl-intenzjoni li jibnu familja, u di fatti kellhom zewgt-it tfal. Ma kien hemm xejn simulat – iz-zwieg kien genwin. Il-qerq ossia t-tradiment sehh seba jew tmien snin wara konvivenza matrimonjali meta l-attur dahal f' relazzjoni extra matrimonjali ma' mara ohra.

[f] Kundizzjoni futura – Illi f' dan ir-rigward huwa sufficjenti li jinghad li minn imkien ma jirrizulta mill-provi li xi hadd mill-partijiet kien rabat il-kunsens matrimonjali tieghu ma kondizzjoni li tirreferi ghal futur. Fil-mument taz-zwieg il-partijiex kienu iddecidew li jizzewwgu u riedu jizzewwgu, u ma rrizultax li l-validita' tal-kunsens taghhom kienet marbuta ma' xi kundizzjoni li kellha ssehh fil-futur.

In fine hija opportuna l-osservazzjoni li "Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-akbar rispett, ukoll jekk hija sejra thares lejh mill-punto di vista civili biss." Dan bl-iskop li ma jigix annullat zwieg fuq ix-xewqa tal-parti jew partijiet, izda kif hekk inhu xieraq fuq is-serjeta' u l-bazi tar-rekwiziti legali. Ghalhekk jekk l-ghazla singolari jew kongunta tal-partijiet kienet zbaljata, dan m' ghandux iwassal sal punt li z-zwieg jisthoqqlu li jkun annullat. Mod iehor dan il-kuntratt hekk serju, ghax maghmul skond il-ligi u li jikkostitwixxi l-ligi ta' bejniethom [kif hekk jesprimi l-Art.992] jigi stultifikat u rez insinifikanti. Kapaci wkoll jservi ta' pretest ghal kull min iz-zwieg tieghu ma jirnexxiex biex jannulla kuntratt li jisthoqlu invece jibqa' fis-sehh.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici mhijex gustifikata la fil-fatt u lanqas fid-dritt u ma timmeritax li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici; bl-ispejjez kollha jibqghu a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------